MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 332/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Stephen Gatt)**
**Vs**
**Marco Risiott**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-25 ta' Novembru, 2009 tal-Ufficjal tal-Probation Ivan Sultana prezentata ai termini ta' l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema nota l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet infurmata li Marco Risiott mhux qed joqghod għall-ordnijiet lilu mogħtija u li naqas li josserva kundizzjonijiet imposti fuqu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Lulju, 2010, li biha ordnat li s-sentenza sospiża mgħotija fit-30 ta' Marzu 2007 fil-konfront ta' Marco Risiott tidħol fis-seħħ.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberah skond il-ligi. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi rrizulta mill-provi li m’hu minnu xejn li l-appellant ma zammx kuntatt mal-probation officer imma kien hemm drabi fejn l-appuntament ma setax jinzamm minhabba ragunijiet varji;

2. Illi fil-fatt l-istess appellant kien informa lill-probation officer certa diffikultajiet fosthom fejn ma kellux post decenti biex jghix u li fil-fatt kien qed jirrisjedi f’postijiet substandard u b’hekk talab ghall-ghajnuna f’dan ir-rigward;

3. Illi filwaqt li l-probation officer qieghed hemm biex jipprova jidderigi minn ikollu bzonn l-ghajnuna, hu mistenni li jifhem il-problemi umani u socjali li dak li jkun liema haga jidher li giet injorata bil-proceduri odjerni. Illi dan qed jinghad ghax il-problemi ta’ l-appellant kienu tali li anke biex jghix u cioe’ biex jipprova jiekol kuljum kienet problema ghalih. Illi wiehed ma jridx jinsa li minghajr ikel l-individwu jkun qed jahli l-isforzi tieghu biex b’hekk b’kull rispett ipprevalixxi nuqqas ta’ sensitivita’ f’dan ir-rigward;

4. Illi apparti mis-suespost irrizulta mill-provi li l-appellant kien ghamel zmien konfuz, indeciz, u b’tali mod li din il-posizzjoni ta’ titubanza kienet qed tfixklu sew, liema haga l-istess probation officer mhux biss gie

mgharraf bis-sitwazzjoni imma sfortunatament wara ftit din is-sitwazzjoni ġiet ghal kollox skartata bil-konsegwenzi odjerni;

5. Illi wiehed ma jridx jinsa li fl-ahhar mill-ahhar filwaqt li huwa facli li wiehed jigi ddettat x'ghandu jew m'ghandux jaghmel, meta tkun fis-sitwazzjoni l-posizzjoni tkun ferm differenti bhal ma rrizulta fil-kaz odjern. Illi dan qed jinghad ghax hija esperjenza terribbli li wiehed jghix kull gurnata minghajr ma jkollu flus, minghajr ma jiehu assistenza socjali, minghajr ebda forma ta' mpjieg u ma jafx meta sejjer ikollu l-opportunita' jiehu xi bukkun bhal ma kien qed jghaddi minnha l-appellant kuljum. Illi ghalhekk kienet ftit ingusta meta l-Ewwel Qorti kkummentat li l-appellant "....mar biss ghand il-Caritas ghal skopijiet tieghu ...." minghajr ma hadet in konsiderazzjoni li kull persuna ghandha d-dinjita' taghha w jigri x'jigri hi trid tfendi ghal rasha ghax inkella hadd ma jaghti kaz;

6. Illi fl-ahhar mill-ahhar wiehed irid japprezza illi dan il-kaz huwa kaz uman kif ukoll socjali fejn jidher li qed tintwera id tal-hadid ma min hu vera dghajjef u li fl-ahhar mill-ahhar ".... one is flogging a dead horse". Illi dan qed jinghad meta fl-istess hin fl-ebda stadju tal-prova ma rrizulta u/jew l-appellant gie akkuzat b'akkuza ta' serq biex ikun jista' jgib il-flus u jghix liema aspett tant kardinali giet injorata ghal kollox fl-apprezzament tal-kaz. Illi ghalhekk filwaqt li l-appellant kien f'posizzjoni li s-socjeta' abbandunatu fejn ma offrietlux assistenza socjali tant necessarja l-appellant fl-istess hin ma kisirx il-ligi u zamm is-serjeta' tieghu mas-socjeta', liema aspett jimmerita konsiderazzjoni u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ikkonsidrat

Li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 xehdet Ms Jean Cali' li qalet li Marco Risiott ilu fil-kommunita' ta' San Blas għal erba' xhur u nofs u li kien sejjer tajjeb ħafna. Kienu sabulu flat fejn joqgħod u kien qed iħallas il-kera sakemm kien għadu qiegħed ġewwa San Blas. Il-pass li jmiss kien li meta joħroġ isib fejn jaħdem. Bħala xogħol huwa kien

designer. Fil-preżent kien qed jobdi d-direzzjonijiet. Ix-xhud qalet ukoll li l-appellant għamel żmien homeless. Għalhekk kien iddaħħal San Blas. Kien filfatt imur għandhom il-Furjana għaliex lanqas kellu fejn jinħasel.

Il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u jidher (minn fol 80) li l-problema kbira kienet li l-appellant kien iddeċieda li ma jibqax imur għall-appuntamenti. Il-Probation Officer kien rah darbtejn il-Gżira u kien qallu li ma kienx qed imur għall-appuntamenti. L-appellant kien qallu li ħa jċempillu (jiġifieri lill-Probation Officer) iżda dan m'għamlux.

**Il-Qorti tinnota li l-appellant ġie f'sensieh wara d-denunzja li saret quddiem il-Maġistrat. Is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010 turi li l-Maġistrat daħlet fid-dettal dwar x'kien qed jagħmel l-appellant tant li l-Qorti ħasset li għandha tgħid:**

*'Illi huwa car li l-opportunitajiet li tagħtu l-Qorti biex jirrabilita ruħu ma servew ta' xejn u Risiott gadu ma tgħallimx li l-Liġijiet u l-Ordnijiet li jingħatawlu mill-awtoritajiet kompetenti qegħdin hemm biex jiġu segwiti.'*

Bir-rispett kollu jingħad li l-appellant qatt ma kellu raġun għala ma jibqax f'kuntatt mal-Probation Officer. L-Ordni ta' Superviżjoni hija ċara biżżejjed u wieħed irid isegwiha. Ħadd m'għandu qatt jgħid: 'Jien ħadt sentenza sospiża u issa nista' nagħmel li rrid.' S'intendi d-dixxiplina li tkun taħt is-superviżjoni ta' Probation Officer ħadd ma jieħu gost biha iżda din tkun intiża biex tgħin lil dak li jkun jibdel ħajtu. Jekk din ma togħġbux ħadd m'għandu joqgħod jistenna ħniena mill-Qorti jew mis-soċjeta'. La ngħatalek iċ-ċans trid tieħdu u mhux tikkalpestah.

F'dan il-każ il-Qorti hija soddisfatta b'dak li xehdet Jean Cali tal-Caritas dwar il-progress tal-appellant. Għalhekk ser ittih ċans tal-aħħar billi wara li rat is-subartikolu (9) tal-artikolu 28G tal-Kap 9, qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-8 ta' Lulju 2010 billi waqt li qed tikkonfermaha fil-parti tagħha fejn sabet ħtija li l-appellant ma kienx qed jimxi mal-ordni tagħha stess, u qed tbiddilha u tirriformaha f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2007

tidħol fis-seħħ u minflok qed tikkundanna lill-appellant biex iħallas ammenda ta’ €234 fi żmien sitt xhur mil-lum waqt li jrid ikompli jimxi mal-ordni ta’ superviżjoni sakemm din tispiċċa u jibqa’ fil-programm li qed jagħmel ġewwa San Blas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------